ID-DIPARTIMENT GĦALL-KURRIKULU,
TAGĦLIM TUL IL-ĦAJJA U IMPJEGABILITÀ
Id-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

Rotta 2

L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Medji 2022

IS-SEBA' SENA **IL-MALTI (L-ORAL)** **KARTA 3**

IL-KARTA TAL-ISTUDENT

3A: Il-Qari Mgħajjat: It-Test Letterarju 2 minuti / 5 marki

Istruzzjoni għall-istudenti: TIKTEB XEJN FUQ DIN IL-KARTA

Waqt l-eżami inti se tintalab mill-eżaminatur biex taqra parti minn din is-silta. Qis li tagħti kas tal-intonazzjoni u l-punteġġjatura biex il-qari tiegħek ikun mexxej u jaqbel mas-sens tas-silta.

Is-silta: Raħal modern

Wara ħafna snin imsiefer, Sidor qatagħha li jerġa' jmur jara 'l art twelidu – l-art li għalih kienet 'il bogħod daqskemm kienet f'qalbu. Kien iħobbha għax kienet biċċa minn tfulitu, mill-ħajja tal-imgħoddi li taret bħal ħolma.

Għalhekk Sidor xħin rifes l-art mill-ajruplan ħassu bniedem ieħor. Sab jistennewh lil niesu li laqgħuh u ferħu bih tgħidx kemm u hu kien qisu fis-seba' sema.

Iżda meta mar ir-raħal u beda jara li t-toroq u d-djar ta' dari ma baqgħux li kienu, qalbu ngħafset bid-diqa. U meta fittex ir-razzett fejn twieled u trabba u minfloku ra villa, xtaq jibki jgħajjat biex jisimgħu kulħadd. Min seta' jifhmu meta beda jlissen, "Il-modern qeridli kollox. Il-ħajja mgħaġġla tal-lum u l-ħsejjes tal-magni ma jagħtukx żmien tieqaf u taħseb, tgħammar fil-kwiet, iebes, iva, iżda b'qalbek imfawra bil-hena."

Ma' nżul ix-xemx, dakinhar, irħielha għal għonq it-triq u mexa fit-tul. Meta għeja, daħal ġo mogħdija ħa jara fejn tinfed u ma damx wisq ma lemaħ ġonta raba' b'razzett imdaqqas. Ħasdu mill-ewwel il-leħen tal-bidwi li ħareġ mill-għalqa għall-mogħdija.

Sidor ħares u wara l-bidwi lemaħ żiemel aħmar il-ġmiel tiegħu. B'nostalġija kbira, ir-raġel tas-safar waqaf jitħaddet għal ftit mal-bidwi u qabel ħallieh, dar fuq iż-żiemel u taptaplu tnejn fuq dahru. Iż-żiemel deher qed jieħu gost. Kien jagħrfu ħabib minn għadu.

(silta minn *Stejjer minn tarf ir-raħal* ta' Ġorġ Borg, 1998)

3B: Wieġeb il-mistoqsijiet kollha. 4 minuti / 5 marki

Istruzzjoni għall-istudenti: TIKTEB XEJN FUQ DIN IL-KARTA

Aqra sew dawn il-mistoqsijiet u pprepara t-tweġibiet għalihom biex tiddiskutihom mal-eżaminatur. Tista' tikteb xi noti fuq KARTA SEPARATA biex tużahom waqt id-diskussjoni mal-eżamintur. Tista' tikkwota mis-silta biex issaħħaħ il-fehmiet tiegħek.

1. Minn dak li qrajt, x'inhi l-impressjoni tiegħek fuq it-titlu tat-test: Raħal modern?

2. Minn dak li qrajt, x'inhuma l-impressjonijiet tiegħek fuq il-karattru ta' Sidor?

3. Tkellem dwar ir-rabta li hemm bejn Sidor u r-raħal kif tidher mis-silta.

4. X'messaġġ ried iwassal l-awtur dwar il-ħajja tal-lum?

5. X'tilmaħ speċjali bejn Sidor u l-bidwi?

3Ċ: It-Taħdit: Diskussjoni dwar Tema 4 minuti / 5 marki

L-annimali: ħbieb kbar tal-bniedem

Istruzzjoni għall-istudenti: TIKTEB XEJN FUQ DIN IL-KARTA

Mal-eżaminatur ser tiddiskuti t-tema li tidher hawn fuq. Tista' tikteb xi noti FUQ KARTA SEPARATA biex tużahom waqt li tiddiskuti t-tema. L-eżaminatur jista' jagħmillek xi mistoqsijiet biex jgħinek tiżviluppa l-argument tiegħek. Qis li titkellem b'Malti tajjeb u idjomatiku.